MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 74/1990/1

**Joseph Stellini u b'digriet tat-23 ta' Frar 2009 stante l-mewt ta' Joseph Stellini il-gudizzju gie trasfuz f'isem Emanuel Stellini f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' hutu l-imsefrin George, Michael u Antoinette Buhagiar ilkoll ahwa Stellini; Gregory Stellini, Emily mart John Muscat u Carmen mart Angelo Bugeja; u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2012 stante l-mewt ta' Antonia Buhagiar l-atti gew trasfuzi f'isem Louis sive Lewis Buhagiar bhala eredi tal-mejta Antonia Buhagiar;**

**v.**

**(1) Carmel Stellini u b'digriet tat-3 ta' Settembru 1997 stante l-mewt ta' Carmel Stellini fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem Emilia Stellini u Lucy Sultana,**
**Julian Stellini u Michaelangelo Stellini,**
**kif rapprezentati minn ommhom Rita Stellini;**
**u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2011 stante l-mewt ta' Julian Stellini**
**il-gudizzju f'ismu gie trasfuz ghal fuq isem Michaelangelo Stellini f'ismu u bhala mandatarju ta' hutu imsefrin**
**Emilia Stellini u Lucy Sultana; u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2012**
**stante l-mewt ta' Rita Stellini l-gudizzju gie trasfuz f'isem uliedha Michael, Emilia xebba, Lucy mart Joseph Sultana**
**u Julian ahwa Stellini;**

**(2) Michelina mart Vincent Cutajar u b'digriet tat-18 ta' Frar, 2009, stante l-mewt ta' Michelina Cutajar fil-mori tal-kawza**
**l-gudizzju gie trasfuz f'isem Frank Cauchi bhala mandatarju**
**tal-imsefrin Gregory Cassar u Carmela mart l-istess Frank Cauchi;**

**(3) Lucia xebba Stellini u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2011**
**Stante l-mewt ta' Lucia Stellini fil-mori tal-kawza**
**l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Cauchi;**

**(4) George Xuereb li b'digriet tal-25 ta' Lulju, 1990 gie nominat**
**kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Anna mart Anthony Xuereb u b'nota tas-16 ta' Ottubru, 1990**
**Dr. Carmelo Galea assuma l-atti tal-kawza minflok George Xuereb;**
**u b'digriet tal-10 ta' Novembru, 1994**
**stante l-mewt ta' Anna Xuereb fil-mori tal-kawza**
**l-gudizzju gie trasfuz f'isem Dr. Carmelo Galea**

**fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju tal-imsiefra Emanuel, George, Carmen mart Louis Camilleri, Sylvia armla ta' Mario Xuereb, Lucy mart Alfred Catania, Michaelangela sive Angiolina armla ta' Salvu Portelli,**
**Maria Antonia mart Loreto Grech, Mary mart Paul Grech u**
**Loreto ilkoll ahwa Xuereb;**
**u b'nota prezentata fl-24 ta' Ottubru, 2007**
**Anthony Cauchi assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju**
**ta' Frederick, Maryanne Muscat u David ahwa Xuereb ulied il-mejjet Emanuel Xuereb[1],**
**Salvina sive Sylvia Xuereb, Lucy Catania, Maria Antonia Grech, Mary Grech, Michaelangela sive Angiolina Portelli**
**u George ahwa Xuereb;**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-atturi [l-appellanti] minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fit-3 ta' Marzu 2009 li biha: laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Michelina Cutajar, Lucia Stellini u Anna Xuereb [rapprezentata minn George Xuereb], ahwa Stellini fis-sens li l-fond 96 [95/96] Triq Santa Lucia, Kercem, Ghawdex *"[hu] llum proprjeta` esklussiva ta' Anna mart Anthony Xuereb peress li gie akkwistat minnha b'titolu ta' preskrizzjoni";* illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Michaelangelo u Antonia, konjugi Stellini, u ddikjarat li din tikkonsisti biss fil-fond numru 30 Triq Bir ir-Rix Santa Lucija Ghawdex; u ordnat il-bejgh b'licitazzjoni ta' dan il-fond u li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti indikati fl-istess sentenza.

2. L-appell odjern jirrigwarda biss il-fond 95/96 Triq Santa Lucia, Kercem Ghawdex, u hu principalment bazat fuq zewg aggravji ta' natura procedurali, u fuq l-aggravju li

[1] Ghalhekk m'hemmx htiega li ssir trasfuzjoni tal-gudizzju ta' Emanuel Xuereb, iben Anna Xuereb.

l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, stante li ma jirrizultawx l-estremi rikjesti ghall-maturazzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva fil-konfront tal-imsemmija Anna Xuereb.

3. Ghalhekk qed jitolbu li din il-Qorti tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' uhud mill-konvenuti, u konsegwentement tinkludi bhala parti mill-assi ereditarji tal-mejtin Michaelangelo u Antonia, konjugi Stellini il-fond 95/96 Triq Santa Lucia Kercem, Ghawdex fuq indikat, u tikkonferma l-partijiet l-ohrajn taghha kollha; bl-ispejjez tal-appell a kariku tal-konvenuti [l-appellati].

4. Min-naha taghhom l-appellati, ghar-ragunijiet moghtija minnhom fir-risposta taghhom, qed joggezzjonaw ghat-talba tal-appellanti, u qed jitolbu li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi konfermata.

**<u>Il-Fatti</u>**

5. Illi sa fejn huma relevanti, il-fatti huma dawn.

6. L-azzjoni proposta mill-kontendenti hija dik *familiae erciscundae* u tirrigwarda l-wirt tal-mejtin Michaelangelo u Antonia, konjugi Stellini li matul iz-zwieg taghhom kellhom sitt itfal: Joseph [l-appellant], Carmel, Giuzeppa [xebba], Lucia [xebba], Anna mart Anthony Xuereb u Michelina mart Vincent Cutajar [l-appellati], ilkoll ahwa Stellini

7. Irrizulta pacifiku bejn il-kontendenti li l-fond 95/96 Triq Santa Lucia Kercem, Ghawdex inbena fuq art li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-imsemmija konjugi Stellini; ghalkemm, dwar il-provenjenza tat-titolu taghhom ma tressqux provi.

8. Irrizulta pacifiku wkoll li fil-bidu ta' Marzu 1930, meta binthom l-appellata Anna Xuereb kienet ghadha ma zzewwgitx, Michaelangelo Stellini kien ta avviz lis-Supretendent tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika li kien ser jibni dar fuq l-imsemmija art.

9. Eventwalment fuq din l-art inbena l-fond fuq indikat, bi flus ta’ Anna u zewgha Anthony Xuereb, li serva bhala d-dar konjugali taghhom ghal circa tmintax (18)-il sena, sakemm emigraw lejn l-Awstralja.

10. Fil-frattemp, il-konjugi Xuereb hallew ic-cavetta tad-dar f’idejn omm Anna Xuereb; izda meta kienu jigu ghal btala kienu joqghodu fih. Okkazjoni minnhom Anthony Xuereb nizel Malta ghal vaganza, mar joqghod f’dan il-post u minn dak in-nhar baqa’ jzomm ic-cavetta ghandu.

11. Hadd minn hut Anna Xuereb ma ghamlu xi oppozizzjoni ghall-uzu da parti taghha ta’ dan il-fond; izda fit-28 ta’ Gunju 1989, l-appellant Joseph Stellini [li miet fil-mori tal-kawza] interpella b’ittra ufficjali lil Anthony Xuereb sabiex jaghtih kopja tac-cavetta tal-imsemmi fond in kwantu dan kien jappartjeni wkoll lilu bhala ko-eredi tal-genituri tieghu.

12. Fit-8 ta’ Lulju 1989 saret dikjarazzjoni notarili fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, li biha Carmelo, Lucy u Michelina mart Vincent Cutajar, ahwa Stellini, ulied Michaelangelo u Antonia Stellini, iddikjaraw hekk:

“In forza ta’ dan l-att il-komparenti ahwa Stellini jiddikjaraw u jirrikonoxxu ghall-effetti kollha tal-ligi illi fl-okkazzjoni taz-zwieg tal-imsemmija Anna Stellini ma’ Anthony Xuereb, f’Mejju tas-sena elf disa’ miha u tletin [1930] missierha l-imsemmi Michaelangelo Stellini kien assenjalha b’titolu ta’ dota l-art illi fuqha hemm mibnija d-dar numru sitta u disghin [96] Triq Santa Lucija Kercem, Ghawdex, liema dar giet mibnija nterament a spejjez tal-imsemmija konjugi Xuereb. Illi l-imsemmi Michaelangelo Stellini miet fil-hmistax ta’ Novembru elf disa’ mija u tlieta u erbghin [15 Novembru 1943] u minn dak in-nhar ‘l hawn l-imsemmija konjugi Xuereb dejjem iddetendew animo domini l-imsemmija dar.”[2]

[2] Vol.1 Fol.51 et seq.

13. Fl-istess att, l-imsemmija ahwa Stellini ddikjaraw li huma jirrikonoxxu lil ohthom Anna Xuereb “bhala l-unika u assoluta proprjetarja tal-imsemmi fond”.

14. Fit-23 ta’ Dicembru 2002 permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, il-werrieta ta’ Anna Xuereb u zewgha Anthony Xuereb bieghu l-fond lil Anthony u Giorgina, konjugi Cauchi.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

15. Illi l-ewwel Qorti, wara li iccitat kazistika u dottrina dwar l-istitut tal-preskrizzjoni akkwizittiva, waslet ghad-decizjoni taghha, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fattwali.

............................. omissis .............................

“Il-kwistjoni principali hi dwar dan il-fond, in kwantu:-

“(a) L-attur Joseph Stellini xehed:- *“**Dan il-post hu ghall-qasma ghax gej minn ta’ missieri u ta’ ommi**. Dak li qed jigi allegat mill-konvenuti ma huwiex minnu peress li kien l-istess M’Angelo Stellini li fit-8 ta’ Marzu, 1930, kien applika ghall-permess sabiex jibni dina d-dar in kwistjoni u mhux kif hemm indikat fl-istess kuntratt illi din giet mibnija interament a spejjez tal-konjugi Xuereb. Dawn il-konjugi Xuereb damu joqghodu fil-post xi 18 il-sena sa kemm siefru w imbaghad x’hin siefru ikkonsenjaw ic-cwievet lill-omm li sussegwentement krietu lil Joseph Piscopo mill-Gharb, u wara l-mewt taghha okkupajnieh jiena w ohti Giuseppa Stellini sakemm rega gie t-tifel ta’ Anna Xuereb u talab ic-cavetta biex imur joqghod go fih”* (fol. 326). L-attur pprezenta kopja ta’ avviz li ta missieru lid-Dipartiment tas-Sahha (Marzu 1930) li kien ser jibni dar fi Strada Lucija, Kercem, Ghawdex. Min-naha tal-konvenuti ma saret l-ebda opposizzjoni li dan id-dokument jirreferi ghal fond in kwistjoni.

"(b) Kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-konvenuti[3], il-provi juru li din il-proprjeta' kienet xi darba ta' Michaelangelo u Antonia konjugi Stellini. Fatt ammess mill-istess konvenuti, cjoe' Carmelo, Lucia, Michelina Cutajar u Anna Xuereb fid-dikjarazzjoni notarili li ghamlu fit-8 ta' Lulju 1989 (fol. 51). Ma gie pprezentat l-ebda att li juri li l-konjugi Stellini ttrasferew il-proprjeta' lil xi terza persuna. Min-naha taghhom il-konvenuti jippretendu li l-fond kien sar proprjeta' ta' Anna Xuereb bil-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena. L-oneru tal-prova kien ghalhekk fuq Anna Xuereb u mhux l-atturi. F'dan il-kuntest it-tezi tal-konvenuti hi bazata fuq:-

"i. Id-dikjarazzjoni notarili li saret mill-konvenuti fit-8 ta' Lulju 1989 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 51);

"ii. Lucia Stellini xehedet li qabel inbena l-fond, l-art kienet inghatat b'dota lill-ohtha izda qatt ma sar kuntratt pubbliku (fol. 443)[4], u li d-dar inbniet mill-konjugi Xuereb.

"iii. Anthony Cauchi xehed li Anthony Xuereb kien gie ghall-vaganza mill-Awstralja ghal madwar tlett (3) xhur u kien qaghad fil-post in kwistjoni; *"Niftakar ukoll illi meta kien siefer kien ha c-cavetta u l-muftieh mieghu lejn l-Awstralja, u nghid illi minn dakinhar il-post baqa' maghluq u ghadu hekk sallum. Fil-fatt illum jinsab abbandunat."* (fol. 458). Ommu, Carmen Cauchi, qalet l-istess u kkonfermat li Anna Xureb u zewgha kienu jghixu f'dan il-fond qabel emigraw l-Awstralja (fol. 463).

"iv. Dikjarazzjoni li saret fid-19 ta' Gunju 2000 mill-kappillan tal-parrocca ta' Kercem, li skont il-konvenuti hi prova li d-dar kienet diga' nbniet fl-1929[5]. Madankollu, il-

---

[3] Fin-nota ta' sottomissjonjiet iddikjaraw per ezempju: *".....illi l-atturi naqsu illi igibu xi forma ta' prova li l-art li eventwalment nbniet fuqha din id-dr inxtrat minn Michelangelo Stellini jew kienet xi darba tappartjeni lil dan Michaelangelo Stellini jew martu."* (fol. 506).

[4] F'affidavit iehor pero' tghid *"Ezattament kif u ghaliex il-ġenituri kienu taw ir-raba lil ohti Anna jiena ma nafx, izda nismaghhom jghidu illi dakinhar Tony Xuereb kien hallas xi tletin lira maltija (Lm30) lill-ġenituri tieghi."* (fol. 459).

[5] *"Jiena hawn taht iffirmat, bhala Kappillan tal-parrocca ta' Kercem niddikjara li kif jirrizulta mill-Istatus Animarum ta' l-1929 Foglio No. 229, il-Familja ta' Antonio Xuereb bin Loreto u ta' Annna bint Mikelangelo Stellini, kienet toqghod ghal xi zmien fi Strada Santa Lucija, Kercem u niddikjara wkoll li kif jirrizulta mir-Registri*

qorti ma tatix wisq importanza lil din id-dikjarazzjoni in kwantu Lucia Stellini xehedet li wara z-zwieg, ohta kienet ghamet kwazi sena tghix mal-genituri *"...fejn fil-fatt twieled Manuel Xuereb."* (fol. 459), u jidher li z-zwieg sar f'Mejju 1930 (ara dikjarazzjoni notarili a fol. 51). Ghalkemm fid-dokument jinghad li l-konjugi Xuereb kienu ghamdu lil uliedhom Emmanuel, Carmela, Silvia, George, Maria, Lucija, M'Angelo, Maria Loreta u Antonia gewwa Kercem, fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex ta' rilevanza fl-investigazzjoni biex jigi stabbilit jekk il-fond sarx proprjeta' ta' Anna Xuereb permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva. M'huwiex kontestat li Anna Xuereb u zewgha ghamlu snin twal ighixu f'dan il-fond qabel emigraw lejn l-Awstralja.

"v. Id-denunzja ta' Antonia Stellini (l-omm)[6] fejn il-fond in kwistjoni ma jissemmix (fol. 24-25). Id-dikjarazzjoni kienet saret minn Giuseppa Stellini (wahda mill-werrieta). Kien biss fil-mori ta' dawn il-proceduri li Emanuel Stellini, iben l-attur, fit-12 ta' Settembru 1991 ipprezenta denunzja addizzjonali u ddikjara l-fond (fol. 398).

"vi. Id-denunzja ta' Giuseppa Stellini li mietet fil-25 ta' Mejju 1978 u saret mill-attur, fejn kien issemma biss is-sehem taghha mill-fond 15, Triq Bir ir-Rix, Kercem, Ghawdex li gie deskritt bhala 1/6. F'dan l-istess dokument jinghad li **"Ma kellha xejn izjed."**. Fil-mori tal-kawza, Emanuel Stellini, iben l-attur, fit-12 ta' Settembru 1991 ipprezenta denunzja addizzjonali u ddikjara sehem mill-fond li kien kompriz fil-wirt ta' Giuseppa Stellini.

............................. omissis .............................

"Il-qorti tistqarr li hasbet fit-tul dwar dan il-kaz u tikkonkludi li l-proprjeta' verament giet akkwistata minn Anna Xuereb permezz tal-preskrizzjoni trigenerarja, wara li qieset:-

"(a) Li l-proprjeta ma tissemmix fid-denunzja li saret wara l-mewt ta' l-omm Maria Antonia Stellini (fol. 24).

---

*tal-Maghmudija ta' l-istess parrocca ta' kercem Antonio u Annina ghammdu lil uliedhom: Emmanuel, Carmela, Silvia, George, Maria, Lucija, M'Angelo, Maria Loreta, Antonia, fl-istess Parrocca ta' Kercem."*.

[6] Prezentata fl-24 ta' April 1971.

Denunzja li saret minn Giuseppa Stellini (l-attur Joseph Stellini hu werriet taghha). Hekk ukoll ma ssemmitx fid-denunzja ta' Giuseppa Stellini li mietet fil-25 ta' Mejju 1978 (fol. 32) u li saret mill-attur Joseph Stellini (fol. 33). Fil-fehma tal-qorti dan il-fatt jaghti kredibilita` qawwija lit-tezi tal-konvenuti, fis-sens li fil-familja Stellini kien fatt accettat li dan il-fond kien meqjus bhala proprjeta' ta' Anna Xuereb, kif il-qorti temmen li kien accettat ukoll li l-fond 97, Triq Santa Lucija, Kercem kien sar proprjeta' ta' Carmel Stellini tant li lanqas dan il-fond ma ssemma fid-denunzja ta' l-omm (fol. 24). Mill-process ma tirrizultax xi raguni ohra ghalfejn il-fond in kwistjoni ma ssemmix fl-imsemmija denunzji. L-attur Joseph Stellini xehed[7]: *"Fid-denunzja tal-omm jissemma biss il-post f'St. Lucia Nru. 20 Bir-Rix Street, u dan il* ***ghaliex f'dak iz-zmien ma kienux jafu li kienu riedu jnizlu t-tnejn l-ohra wkoll."*** (fol. 325). Il-fond l-iehor li kien qieghed jirreferi ghalih kien 97, Triq Santa Lucija, Kercem, li dwaru l-werrieta tieghu lehqu ftehim mal-werrieta ta' Carmel Stellini u rrikonoxxew li dan il-fond kien akkwistah Carmel Stellini permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena[8]. Ghall-qorti l-ispjegazzjoni moghtija minn Joseph Stellini m'hijiex kredibbli. Fid-denunzja ssemmew ukoll li kien hemm beni mobbli (fosthom flus u hagar prezzjuz). Tissemma wkoll porzjon art maghrufa "tal-Wardija", limiti ta' Kercem (li fit-testment thalliet b'legat lill-attur u li t-testatrici bieghet permezz ta' kuntratt fl-10 ta' Mejju 1967 fl-atti tan-nutar Francesco Micallef) fis-sens li din kienet inbieghet snin qabel. Kif issemmew dawn il-beni, il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn min ghamel id-dikjarazzjoni (Giuseppa Stellini) ma kenitx taf li jrid jissemma wkoll il-fond in kwistjoni jekk dan kien (kif isostnu l-atturi) jifforma parti mill-eredita` tal-mejta.

"(b) Il-parti tad-denunzja fejn tissemma l-proprjeta li kellha d-decujus, hi ntestata: ***"Lista tal-beni immobbli u mobbli li jappartienu lil Maria Antonja armla ta' Michel'Angelu Stellini."***.

[7] Seduta tal-10 ta' April 1991.
[8] Ara kuntratt tas-17 ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-nutar Dr Enzo Dimech (fol. 108).

"(c) Ghalkemm hu minnu li fit-12 ta' Settembru 1991 saret dikjarazzjoni addizzjonali minn Emanuel Stellini (iben l-attur) u fiha saret riferenza ghal din il-proprjeta', dan sar fil-mori tal-kawza. Lanqas ma ngiebet xi prova li dan il-fond kien gie dikjarat fid-denunzja tal-wirt tal-missier Michaelangelo Stellini.

"(d) Li Anna Xuereb ghamlet snin twal (skont Joseph Stellini xi 18 il-sena – fol. 326) tghix, flimkien mal-familja taghha, f'dan il-fond qabel emigrat lejn l-Awstralja. M'hemmx dubju li matul dan il-perjodu l-pussess kien wiehed kontinwu. Mill-atti jirrizulta li zzewwget f'Mejju 1930. Ghalkemm hu minnu li l-atturi pprezentaw dokument li Michaelangelo Stellini kien fl-ewwel granet ta' Marzu 1930 (meta bintu Anna Xuereb kienet ghadha ma zzewwgitx) ta avviz lil Superintendent tad-Dipariment tas-Sahha Pubblika li kien ser jibni dar, dan ma jfissirx li meta Anna Xuereb dahlet tghix fid-dar ma kenitx qeghda tippossjedih *animo domini*. Dan apparti l-fatt li tlieta mill-ahwa jsostnu li d-dar inbniet bi flus tal-konjugi Xuereb.

"(e) Li ghalkemm irrizulta li omm l-ahwa Stellini kienet kriet il-post ghal xi zmien wara li bintha (Anna Xuereb) emigrat lejn l-Awstralja, Lucia Stellini xehedet li ohtha *"...halliet ic-cavetta tad-dar f'idejn ommha biex tiehu hsiebha, u din bil-kunsens tat-tifla Anna kriet id-dar lil Giusepp u Verina Piscopo, illum residenti l-Gharb."* (fol.460). Verzjoni li ma gietx kontradetta mill-atturi. Ghalhekk ma jidhirx li meta Anna Xuereb siefret mal-familja, abbandunat il-pussess tal-fond.

"(f) Hi kontestata l-verzjoni ta' l-attur li wara telqu l-konjugi Piscopo minn gewwa l-fond, hu u ohtu Giuseppa Stellini bdew jaghmlu uzu mill-fond. Lucia Stellini xehedet: *"Wara li hargu l-konjugi Piscopo, dan il-lok baqa' vojt u hadd ma kien jabita jew jaghmel uzu minnu. Dan ghaliex kulhadd kien jaf illi dan il-post kien tat-tifla Anna Xuereb."* (fol. 460).

"(g) Irrizulta li sussegwentement, ir-ragel ta' Anna Xuereb kien gie Ghawdex ghal btala u qaghad f'dan il-post u c-cavetta tal-post baqghet ghand il-familja Xuereb.

Mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi bdil f'dan l-istat ta' fatt, tant hu hekk li fit-28 ta' Gunju 1989[9] Joseph Stellini pprezenta ittra ufficjali kontra Emmanuele Xuereb (iben Anna Xuereb) u nterpellah sabiex jaghtih kopja tac-cavetta tal-fond in kwistjoni[10].

"(h) Tlieta mill-kontendenti (Lucia Stellini, Carmel Stellini u Michelina Cutajar) kollha kkonfermaw li Anna Xuereb kienet qeghda tippossjedi l-proprjeta' *animo domini* u li jirrikonoxxuha bhala *"....unika u assoluta proprjetarja tal-fond numru sitta u disghin (96), Triq Santa Lucija, Kercem, Gozo...."* (ara dikjarazzjoni notarili li saret fit-8 ta' Lulju 1989 a fol. 51). Ghalkemm wiehed jista' jargumenta li wara dikjarazzjoni bhal din kien hemm xi nteressi mohbija ta' dawn it-tlett ahwa, pero' mill-provi ma rrizulta xejn li jista' jnissel xi suspett fil-hsieb li ghamlet il-qorti.

"Il-qorti hi sodisfatta li mill-provi rrizulta li Anna Xuereb dahlet fil-pussess tal-fond meta l-genituri taghha kienu ghadhom hajjien. Skont l-Artikolu 525 tal-Kodici Civili: *"Il-prezunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi ghaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjeta, meta ma jigix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna ohra."*. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxielhom jaghtu prova li d-detenzjoni kienet merament fakultattiva. Dan apparti l-fatt li l-pussess baqa' kontinwu matul iz-zmien;"

<u>L-Appell</u>

*L-ewwel aggravju*

16. L-appellanti jsostnu n-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti peress li skont huma, Rita Stellini, wahda mill-konvenuti li kienet tirrapprezenta fil-kawza liz-zewg uliedha msefrin, Lucy Sultana u Emilia Sultana, mietet fil-mori tal-kawza u hadd ma assuma l-atti minflokha. Jibbazaw dan aggravju fuq il-konsiderazzjoni li s-sentenza

[9] Ara citazzjoni. Ghalkemm kopja ta' dan l-att gudizzjarju ma gietx prezentata f'dan il-procediment, peress li saret riferenza ghaliha fic-citazzjoni l-qorti hasset il-htiega li ghandha tara dan id-dokument.
[10] Fl-ittra ufficjali r-riferenza hi ghall-fond numru 69, izda hu evidenti li dan hu biss zball.

nghatat fil-konfront ta' persuni li kienu msefrin izda li ma kienux rapprezentati fil-kawza.

17. Fir-rigward il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa legalment insostenibbli, ghax il-fatt li fil-mument li nghatat is-sentenza, Lucy Stellini u Emilia Stellini, ghalkemm parti fil-kawza ma kienux debitament rapprezentati fil-gudizzju ma jwassalx necessarjament ghan-nullita` tas-sentenza, stante li ma jinkwadra fl-ebda wahda mill-estremi li jwasslu ghan-nullita` kontemplati fl-Artikolu 789 tal-Kap. 12.

18. Dan l-Artikolu jaqra hekk:

"**789.** (1) L-eċċezzjoni ta' nullita` tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata (*a*) jekk in-nullita` hija iddikjarata mil-liġi espressament;

"(*b*) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;

"(*ċ*) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita`, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita`, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

"(*d*) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullita` kif maħsuba fil-paragrafi (*a*), (*ċ*), u (*d*) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.

"(2) L-eċċezzjoni ta' nullita` ta' att, taħt is-subartikolu (1)(*ċ*), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullita`."

19. Kif ritenut fil-gurisprudenza patria meta l-parti li taghti din l-eccezzjoni tkun baqghet taghmel jew, ghad li

tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu ghaddejjin isiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi n-nullita`, japplika l-imsemmi sub-inciz [2][11].

20. F'dan il-kaz, ghalkemm l-appellanti jsostnu li Rita Sultana mietet fis-27 ta' Novembru 2001, huma hallew il-proceduri jitkomplew minghajr ma talbu l-hatra ta' kuraturi, u kien biss fl-istadju ta' dan l-appell li talbu t-trasfuzjoni tal-gudizzju, liema talba giet milqugha b'digriet tat-30 ta' Jannar 2012.

21. Inoltre, ma jirrizultax li l-appellanti sofrew xi pregudizzju b'dan il-fatt; se mai dan l-ilment kien jispetta lill-konvenuti ahwa Stellini konvenuti u mhux lill-appellanti.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

22. Dan hu fis-sens li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti hija monka stante li ma kienx gie indikat l-artikolu li fuqu qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom; u ghalkemm jirrikonoxxu li permezz ta' nota prezentata fit-30 ta' Settembru 2008, dak in-nhar stess li fiha l-appellati pprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghom, gie ndikat l-Artikolu 2143 tal-Kap. 12 b'referenza ghall-eccezzjoni taghhom, l-appellanti jghidu li dan mhux bizzejjed sabiex jissana l-pozizzjoni legali fir-rigward.

23. L-appellanti iccitaw diversi sentenzi fis-sens li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi sollevata b'eccezzjoni formali, u mhux fin-nota tal-osservazzjonijiet, kif ukoll li l-Qorti ma tistax tiehu inizjattivi f'materja ta' preskrizzjoni li hija ta' interpretazzjoni stretta.

24. In tema legali l-Qorti tosserva li huma applikabbli s-segwenti principji. Il-Qorti ma tistax *ex officio* tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tkunx giet sollevata mill-parti[12]. Dan ".. jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi *ex*

---

[11] App. Inf. ***Nikolina Bugeja v Pawla Vella –*** deciza 10 ta' April 2003.

[12] Art. 2111 Kap. 16.

*officio* ghan-nuqqas tal-parti (Vo. XXXVII P II p 630; Vol. XLI P I p 178) u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha (Vol. XXXIII P I p 481; *"**Joseph Grech -vs- Emmanuele Camilleri*** **et"**, Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977)"[13]; gie wkoll ritenut li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid issir permezz ta' eccezzjoni formali u mhux mod iehor[14]. Inoltre, peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ta' natura perentorja, din tista' tigi sollevat fi kwalunkwe stadju tal-kawza, anke fl-istadju ta' appell.[15]

25. Kif ser jigi muri aktar 'il quddiem, dawn il-fatturi kienu jikkonkorru fil-konfront tal-konjugi Xuereb fir-rigward tal-fond *de quo*.

26. Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li fil-mertu jirrizulta li l-appellati ressqu eccezzjoni tal-preskrizzjoni b'mod formali. Inoltre, ghalkemm din inizjalment kienet monka ghax ma kienx gie ndikat l-artikolu tal-ligi li fuqu kienet qed tigi bazata, dan in-nuqqas gie sussegwentement sanat bil-prezentata tan-nota tal-appellati fejn gie indikat l-artikolu tal-ligi li ghalih kienet tirreferi l-preskrizzjoni sollevata minnhom. Ukoll, ghalkemm huwa minnu li din in-nota giet prezentata fi stadju avvanzat tal-procedura, izda l-prezentata saret qabel l-ghoti tas-sentenza, u ghalhekk certament mhux il-kaz li l-ewwel Qorti issupplixxiet *ex officio* ghal xi nuqqas tal-appellati.

27. Barra minn hekk, ghalkemm l-imsemmija nota giet prezentata fit-30 ta' Settembru 2008, l-appellanti ma ressqu ebda lment fir-rigward, la fiz-zewg udjenzi sussegwenti u lanqas qabel ma nghatat is-sentenza fit-3 ta' Marzu 2009.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi respint.

*It-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt aggravju*

---

[13] PA. ***Donald Manche' noe vs Joseph Said*** 28 May 2003.
[14] App. Inf. ***Gayle Scerri vs Eric Borg*** – 20 Ottubru 2003.
[15] Art. 732 [1] Kap. 12.

28. Dawn l-aggravji, ghalkemm indikati separatament, huma konnessi in kwantu jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti meta laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva tal-appellati. Fis-succint dawn huma: [1] li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma kellhiex tintlaqa' peress li ma kienx hemm dawk l-elementi probatorji univoci u konkordanti; [2] li l-appellati kellhom iressqu prova cara ta' meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni specjalment fil-kaz ta' ko werriet; [3] li l-appellati naqsu milli jressqu prova dwar ix-xorta tal-pussess li kellhom meta abitaw fil-fond *de quo*; [4] li l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni zbaljata tal-fatti ghar-rigward tal-pussess.

29. F'dan l-istadju huwa opportun li jigi osservat li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jirrizultax li dan kien, in toto jew in parte, manifestament zbaljat b'mod li jwassal li parti ssofri ingustizja.

*It-tielet aggravju*

30. Din l-eccezzjoni hi fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trigennali akkwizittiva, stante li ma jirrizultawx l-elementi probatorji, univoci u konkordanti li jwasslu ghall-konkluzjoni tal-ezistenza taghha. Tant hu minnu dan li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti stqarret li *"hasbet fit-tul fuq dan il-kaz"* u jsostnu li kieku l-kaz kien car u l-provi kienu univoci ma kienx ikun hemm il-htiega ghal qorti gudikanti li tahseb fit-tul.

31. Dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tosserva li l-fatt li, l-ewwel Qorti stqarret li kienet hasbet fit-tul dwar dan il-kaz sakemm waslet ghad-decizjoni taghha ma jdghajjifx il-konkluzjoni raggjunta minnha. Mill-atti jirrizulta car li l-kaz odjern huwa wiehed kompless, u komplikat bil-fatt li whud mill-protagonisti originali kienu mietu qabel ma bdew il-proceduri, ohrajn, bhal Anna Xuereb, kienu imsefrin u eventwalment mietu fil-mori tal-kawza, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha bilfors tistrieh fuq elementi ta' prova li jirrizalu

ghal ghexieren ta’ snin. Inoltre, il-fatt li t-trasferiment tal-art li fuqha nbena l-fond *de quo* ma sarx b’kuntratt pubbliku skont il-ligi rrenda aktar difficli l-kompitu tal-gudikant. Izda, b’daqshekk ma jfissirx li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni skorretta, jew li l-provi ma kienux cari u univoci. Ifisser biss li l-ewwel Qorti, kif obbligata taghmel bhala qorti gudikanti, fliet bir-reqqa l-atti processwali u analizzat *pro funditus* kemm il-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u sussegwentement waslet ghall-konkluzjoni taghha fuq il-konsiderazzjonijiet maghmula minnha, dettaljatament indikati fis-sentenza.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

*Ir-raba’ aggravju*

32. Dan hu fis-sens li l-appellati ma ressqux prova cara ta’ meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni, “specjalment fil-kaz ta’ ko-werriet”.

33. Dan l-ilment huwa infondat, u huwa bazat ukoll fuq premessa hazina. Fl-ewwel lok dan mhux il-kaz ta’ ko-eredi li akkwista bil-preskrizzjoni akkwizittiva <u>parti mill-assi ereditarju</u>. Il-provi juru bic-car li meta Michaelangelo Stellini kien ghadda lil bintu Anna Xuereb l-art li fuqha bniet id-dar matrimonjali kemm huwa u kemm martu kienu ghadhom hajjin.

34. Jirrizulta inkontestat li l-imsemmi Michaelangelo Stellini miet fil-15 ta’ Novembru 1943, u ghalhekk johrog car li Anna Xuereb giet fil-pussess tal-art qabel din id-data. Ghalhekk il-figura ta’ ko-werriet hija rrilevanti ghall-finijiet tal-ezami odjern, stante li fid-data tal-mewt ta’ Michaelangelo Stellini l-art ma kenitx ghadha tifforma parti mill-patrimonju la tieghu u lanqas ta’ martu Antonia, tant li meta mietet Antonia Stellini fit-12 ta’ Jannar 1971 din il-proprjeta` ma gietx inkluza fid-denunzja taghha li saret mit-tifla taghha Giuseppa Stellini[16]. Inoltre, wara l-mewt ta’ din Giuseppa Stellini[17] fil-25 ta’ Mejju 1978, il-fond *de*

[16] Vol. 1 – fol. 24 *et seq.*
[17] Vol. 1 – fol. 32 *tergo.*

*quo* ma giex indikat fid-denunzja taghha li saret mill-werriet taghha l-appellant Joseph Stellini fejn iddikjara espressament li, appart mill-oggetti hemm indikati, Giuseppa Stellini *"Ma kellha xejn izjed".* Dan ikompli juri li f'dak iz-zmien, Joseph Stellini, bhala werriet ta' Giuseppa Stellini, kien konxju tal-fatt li l-fond *de quo* ma kienx parti, la mill-assi ereditarji tal-genituri tieghu, u lanqas ta' ohtu Giuseppa.

35. Kien biss fil-mori tal-kawza li l-appellant Emanuel Stellini, it-tifel tal-imsemmi Joseph Stellini li miet fil-mori tal-proceduri, ipprezenta denunzja addizzjonali fit-12 ta' Settembru 1991, kemm ghad-denunzja ta' Antonia Stellini kemm ghad-denunzja ta' Giuseppa Stellini, fejn iddikjara l-fond bhala parti mill-assi ereditarji ta' Antonia u Giuseppa.

36. Ghalhekk, ghalkemm ma rrizultatx id-data preciza meta Anna Xuereb giet fil-pussess tal-art *de quo*, irrizulta car li dan kien fiz-zmien meta Michaelangelo kien ghadu haj, u ghalhekk qabel il-15 ta' Novembru 1943.

37. L-appellanti jkompli jsostnu li:

"Mhux bizzejjed li ssir il-prova li waqt il-hajja tal-genituri [huma jew il-predecessur taghhom] abitaw f'dan il-post. Anzi l-fatt li wiehed jinghata post biex jabita fih mill-genituri jgib il-prezunzjoni li jkun qieghed jokkupah f'isimhom b'titolu ta' tolleranza. Il-konvenuti kellhom l-oneru li jipprovaw, apparti l-abitazzjoni fil-post, l-interverzjoni tal-pussess; u jekk tabilhaqq kien hemm din l-intervenzjoni, kellhom jipprovaw f'liema data saret din l-interversjoni. Fin-nuqqas, jibqa' jkun hemm l-ekwivocita` u d-dubju dwar id-data ta' meta dak it-tip ta' pussess jista' jaghti lok ghall-preskrizzjoni akwizittiva."

38. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz jezistu elementi ta' prova sufficjenti li jwasslu ghall-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti li l-art inghatat lil Anna Xuereb minn missierha, u dan mhux b'tolleranza, izda sabiex din tibni fuqha d-dar matrimonjali kif fil-fatt ghamlet u ghexet fiha, flimkien ma' zewgha u t-tfal taghhom, ghal circa 18-il sena qabel ma emigraw lejn l-Awstralja. Dawn il-provi

jinnewtralizzaw it-tezi tal-appellanti li l-appellata Anna Xuereb kienet qed tidditjeni l-fond b'tolleranza minghand il-genituri taghha; ghax huwa ferm inverosimili li xi hadd li jkollu fil-pussess tieghu art b'tolleranza jibni a spejjez tieghu dar fuq l-istess art.

39. Inoltre, kif osservat mill-ewwel Qorti, il-fatt li f'Marzu tas-sena 1930 Michaelangelo Stellini kien ta avviz lis-Supretendent tas-Sahha Pubblika li kien ser jibni dar, ma jfissirx li meta Anna Xuereb dahlet tghix fid-dar hija ma kienitx qed tippossjedi *animo domini*. Huwa fatt li meta l-art ghaddiet ghand Anna Xuereb ma kienx sar kuntratt pubbliku,u ghalhekk legalment f'dak iz-zmien l-art kienet ghadha tghajjat lil Michaelangelo. Izda dan ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li d-dar bniha hu, u mhux bintu, meta l-provi juru li d-dar inbniet bi flus il-konjugi Xuereb.

40. Ghalhekk il-kuncett tal-interversjoni tal-pussess huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern, stante li, ghalkemm l-art ghaddiet ghand Anna Xuereb minghajr kuntratt, izda verbalment minghand missierha, din bdiet mill-bidunett tippossediha *animo domini* tant li bniet dar fuqha. Kif jiddisponi l-Artikolu 525 tal-Kodici Civili:

"Il-prezunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi ghaliha nnifisha, u b'titolu ta' proprjeta`, meta ma jigix ipprovat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna ohra."

41. F'dan il-kaz din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti li l-provi juru li mill-bidu tal-pussess taghha Anna Xuereb kienet tippossedi f'isimha. Inoltre irrizulta li t-tip ta' pussess li kellha kien mill-bidunett wiehed *animo domini*, pubbliku, kontinwu u pacifiku, almenu ghal sitta u erbghin (46) sena sakemm l-appellant fit-28 ta' Gunju 1989 interpella lir-ragel ta' Anna Xuereb sabiex jghatih kopja tac-cavetta tal-fond.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

*Il-hames aggravju*

42. Dan l-aggravju huwa fis-sens li gjaldarba l-appellati jsostnu li l-fond gie moghti lil Anna Xuereb "b'titolu ta' dota" jew b'titolu iehor gratuwitu, dan il-fatt, anke bit-trapass ta' tletin sena, ma jezonerax lill-istess Anna Xuereb mill-obbligu taghha li tikkonferixxi fil-massa ereditarja tal-genituri taghha l-valur tal-fond, u dan bis-sahha tad-dispozizzjonijiet dwar il-kollazzjoni, Fi kliem iehor l-akkwizizzjoni da parti taghha bil-preskrizzjoni akwizittiva, ma jezonerahiex mill-obbligu naxxenti mill-Artikoli 913 u 922 tal-Kap. 16

43. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li meta l-appellata Anna Xuereb giet fil-pussess tal-art li fuqha bniet id-dar konjugali, ma sarx kuntratt pubbliku, u allura, hu legalment eskluz it-trasferiment tal-art b'titolu ta' dota jew b'titolu gratuwitu iehor.[18]

44. Jirrizulta li Anna Xuereb giet fil-pussess tal-art meta missierha ghaddhielha verbalment, u minn dak in-nhar il-pussess taghha kien *animo dominii*, u cioe` bl-*animus rem sibi habendi*, tant li bniet id-dar matrimonjali, bl-ispejjez taghha u ta' zewgha, fuq l-art *de quo*. Minn dak iz-zmien il-pusssess kien wiehed univoku, pacifiku u kontinwu ghal aktar min tletin (30) sena, b'mod li l-fond gie akkwistat minnha bit-titolu originali ta' *usucapione*.

45. Ghalhekk filwaqt li mhuwiex legalment korrett li f'dawn ic-cirkostanzi wiehed jitkellem fuq titolu ta' dota jew donazzjoni, l-akkwist tal-proprjeta` bit-titolu tal-preskrizzjoni akkwizittiva jirrendi rrelevanti l-argumenti dwar l-obbligu tal-kollazzjoni sollevati mill-appellanti.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

*Is-sitt aggravju*

46. Effettivament dan l-aggravju huwa stedina lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzjoni li taccetta t-tezi tal-konvenuti appellati, li l-fond 95/96 Triq Santa Lucia

---

[18] Artikoli 1245 u 1753[1] Kap. 16.

Ghawdex jappartjeni lill-konvenuta Anna Xuereb u l-aventi kawza minnha b'titolu ta' *usucapio*.

47. Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti kien bazat fuq fatti sufficjentment provati u korroborati, minn provi dokumentali [denunzji ta' Antonia Stellini u Gisueppa Stellini] u mix-xhieda ta' Lucia Stellini u tal-konjugi Cauchi. Min-naha l-ohra, it-tezi ta' Joseph Stellini ma ssibx korroborazzjoni sufficjenti fil-provi, anzi hija kontraddetta mill-imsemmija provi dokumentali.

48. Il-Qorti ser tghaddi sabiex *seriatim* tikkummenta fuq l-elementi ta' fatt li fuqhom l-atturi qed isejjsu dan l-aggravju taghhom.

49. Rigward l-argument tal-appellanti li ma ngabitx il-prova li l-art li fuqha kien inbena l-fond *de quo* kienet tappartjeni lill-Michaelangelo u lil martu Antonia Stellini, il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa newtralizzat bil-pretensjoni tal-istess appellanti, li hi fis-sens li dan il-fond ghandu jitqies bhala formanti parti mill-assi ereditarju tal-imsemmija konjugi Stellini u ghandu jkun soggett ghall-qasma. Inoltre, ma rrizultax li l-pussess ta' dan il-fond da parti tal-konjugi Stellini ma kienx wiehed legittimu, tant li ma rrizultax li terz jew terzi ghamlu xi pretensjoni fuqu. Di piu` huwa inverosimili li genituri jitrasferixxu, anke verbalment, lil binthom art sabiex din tibni d-dar konjugali taghha, jekk it-titolu taghhom kien kontestat. In fine, jirrizulta pacifiku bejn il-kontendenti li l-art kienet tappartjeni lill-konjugi Stellini.

50. Rigward il-prova tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Kappillan ta' Kercem fid-19 ta' Gunju 2000, bazata fuq l-*Istatus Animarum* tas-sena 1929 [Folio 220] il-Qorti tosserva li dan id-dokument ma jitstax ikun ta' soljev ghat-tezi attrici, u huwa biss konferma tal-fatt li Anna u Anthony, konjugi Xuereb, kienu ghamlu zmien joqoghdu fi Strada Santa Lucia, Kercem u li kienu ghammdu lid-disa' uliedhom f'Kercem. Il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li rrizulta pacifiku mill-provi li l-konjugi Xuereb ghamlu circa tmintax (18)-il sena jghixu fil-fond *de quo*, l-imsemmija

dikjarazzjoni bhala element ta' prova hija superfluwa, stante li ma tipprova xejn gdid.

51. Rigward il-valur probatorju tax-xhieda ta' Anthony Cauchi, il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li dan huwa parti interessata fil-kawza, stante li akkwista l-fond minghand il-konjugi Xuereb, dan m'ghandux iwassal necessarjament ghall-konkluzjoni li dak li qal huwa inveritier. L-ewwel Qorti kienet fil-parametri tad-diskrezzjoni taghha meta ghazlet li taghtih affidament, *multo magis* fid-dawl tal-fatt tad-dikjarazzjoni notarili li saret minn Carmelo, Lucia u Michelina Cutajar, hut Anna Xuereb, kif ukoll tax-xhieda li l-istess Lucia Stellini tat fil-kawza, in sostenn tat-tezi tal-appellati.

52. Rigward il-fatt mhux kontestat li Michaelangelo Stellini kien ta avviz lis-Supretendent li kien ser jibni dar fuq l-art *de quo*, dan ma jimmilitax kontra t-tezi tal-appellati. Fl-ewwel lok, dan il-fatt jikkorrobora li l-art kienet tieghu, jew tieghu u ta' martu. Fit-tieni lok, il-fatt li l-avviz tah hu u mhux bintu isib spjegazzjoni logika fil-fatt li f'dak iz-zmien l-art kienet ghadha tieghu u ma kienx ghadu ttrasferiha, dejjem verbalment, lil bintu. Fit-tielet lok, il-fatt li d-dar inbniet minn Anna Xuereb u zewgha, huwa korroborat principalment minn hutha fl-imsemmija dikjarazzjoni notarili, minn ohtha Lucia fid-depozizzjoni taghha, u sekondarjament mill-fatt li l-fond kien okkupat minnha ghal numru kbir ta' snin, b'mod univoku, apert, pacifiku u ininterrot.

53. Rigward il-fatt li meta l-konjugi Xuereb kienu l-Awstralja, Anna Xuereb fdat ic-cavetta f'idejn ommha Antonia, il-Qorti tosserva li dan mhu sorprendenti xejn, anzi huwa verosimili hafna tenut kont tad-distanza li tezisti bejn iz-zewg pajjizi. Inoltre, il-fatt li ommha kriet il-fond ghal xi circa tlett snin lill-konjugi Piscopo ma jimmilitax kontra t-tezi li l-post kien tal-konjugi Xuereb, tenut kont li Anna Xuereb kienet emigrat lejn post il-boghod hafna u ma rrizultax li f'dak iz-zmien kienet ser terga' tmur tghix fil-fond taghha. Ukoll, Lucia Stellini fid-depozizzjoni taghha tghid li Antonia kienet kriet il-post bil-kunsens ta' bintha Anna Xuereb. Barra minn hekk, jirrizulta li dan il-post kien

inkera lill-familja Piscopo ghal ftit zmien sakemm dawn jibnu darhom.

54. Rigward il-fatt li l-eredi tal-konjugi Xuereb ma kienux ghamlu denunzja mal-mewt tal-genituri taghhom, la fis-sena 1991 meta miet Anthony u lanqas fis-sena 1993 meta mietet Anna, sakemm eventwalment gew biex ibieghu l-post lil Anthony Cutajar fis-sena 2003, ma jimmilitax kontra t-tezi tal-appellati li l-post ma kienx tal-konjugi Xuereb. Kienet tkun sitwazzjoni differenti li kieku ghamlu denunzja u ma ndikawx il-post bhala parti mill-assi ereditarju ta' ommhom; kif fil-fatt sehh meta kienu mietu Antonia Stellini u Giuseppa Stellini meta allura, ghalkemm kienu saru d-denunzji relattivi, il-fond *de quo* ma kienx gie indikat, u ghalhekk gie eskluz mill-assi ereditarji taghhom.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell. Spejjez a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------